TEATRU MANOEL

DRAMA UNIT THEATRE PROGRAMME
DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI



# Yerma

## ta' Federico Garcia Lorca

**Maqlub għall-Malti minn Jennifer Camilleri**
**Direzzjoni Carmel S. Aquilina**

***Is-Sibt 30 ta' Marzu 1996***
***Il-Ħadd 31 ta' Marzu 1996***

1573
~~1665~~

## Dwar id-dramm

*Yerma tittratta l-ġrajja traġika ta' mara Andalusjana li tinsab maqbuda b'ċirkustanzi w obligazzjonijiet soċjali fi żwieġ mhux hieni għax bla ulied. Yerma hija miżżewġa lil bidwi li moħħu biss fil-ħidma, u xejn ma jagħti każ tagħha. Il-bqija tar-raħal iħares lejn din il-mara bħala ħawlija.*

*Id-dramm jiffoka fuq żewġ ossessjonijiet ċentrali - ix-xewqa ta' Yerma għal tarbija u l-indifferenza u l-impotenza ta' żewġha.*

*Meta ttella' l-ewwel darba f'Madrid fl-1934, intlaqa' tajjeb ħafna. Inkiteb li 'Yerma huwa xogħol ta' poeta tal-palk li kapaċi jgħaddi minn azzjoni għal oħra b'ħila kbira'.*

## NOTA TAD-DIRETTUR

*Ħu Federico Farcia Lorca, Francisco, kiteb hekk dwar it-tfulija ta' l-awtur: 'L-ewwel ġugarell li xtara Federico bi flusu kien teatru ċkejken. Naf li kisser il-karus u bil-flus li sab mar jixtrih minn ħanut fi Triq ir-Rejjiet Kattoliċi ġo Granada fejn konna noqogħdu. Tal-ħanut ma kienx jagħtik drammi li jistgħu jinħadmu bil-pupi fuq il-palk daqs naqra. Allura Federico kien jikteb kollox hu, iħaddem il-pupi u jirreċta l-partijiet kollha hu. Aħna u l-qaddejja konna lkoll ninġabru, daqqa nibku u oħra nidħqu; konna nibqgħu mistagħġbin bil-ħila ta' Federico'.*

*Wieħed bħal donnu jara xi xebh bejn kliem Francisco u dak li qed iseħħ il-lejla f'dan it-teatru. Ilhom tliet snin dawn iż-żgħażagħ iħejju ruħhom. U min jaf kemm snin qabel xtaqu u ħolmu li għad tasal din il-ġurnata, fejn issa jfarrku l-karus ta' ħidmiethom u jressqu quddiemna dan ix-xogħol.*

*Kelma fuq* **Yerma**. *Nerġgħu nisimgħu lil Francisco: 'Naħseb li meta ġie biex jikteb Yerma, Federico għażel tema li ssibha f'kull xogħol liriku u drammatiku tiegħu: dik ta' l-istint matern frustrat. Din it-tema insibuha fil-karattru l-iktar simboliku tat-teatru tiegħu, insibuha f'Yerma. It-traġedja sseħħ fir-ruħ tal-protagonista u torbot magħha jew tħoll minn magħha l-karattri kollha f'poema waħda'.*

*Dawn iż-żgħażagħ lesti biex jibdew. Ilkoll jistqarru l-irbit tagħhom mal-ħidma teatrali; ma jridu qatt jintelqu mal-medjokri. Fihom naraw l-għada. U nawgurawlhom.*

**Carmel S Aquilina**

## FEDERICO GARCIA LORCA

*Federico Garcia Lorca twieled fi Fuente Vaqueros fil-5 ta' Ġunju 1898 u studja fl-universitajiet ta' Granada u Madrid. Bejn l-1919 u l-1934 Garcia Lorca għex f'Madrid fejn organizza rappreżentazzjonijiet teatrali u kien jaqra l-poeżiji tiegħu.*

*Fl-1922 Garcia Lorca organizza l-ewwel festival ta' cante jondo, għanjiet taż-żingari Andalusjani li influenzaw ħafna l-poeżiji tiegħu. L-ewwel xogħol teatrali tiegħu li għamel suċċess kien id-dramm storiku* **Mariana Pineda** *li deher ħames snin wara. Wara li fl-1929 ippubblika* **Primer romancero gitano** *(L-Ewwel ktieb ta' balladi żingari), Garcia Lorca sar magħruf kemm ma' l-intelliġenzja kif ukoll mal-popolin Spanjol.*

*Fl-1931 organizza teatru għall-gvern Spanjol li kien idur minn belt għal oħra. It-traġedja tiegħu* **Bodas de sangre** *(Żwieġ tad-demm) li kiteb fl-1933 fetħet orizzonti ġodda fit-teatru poetiku modern. Kiteb żewġ traġedji oħra -* **Yerma** *fl-1935 u* **La casa de Bernarda Alba** *(Id-dar ta' Bernarda Alba) fl-1936. Fl-istess sena li kiteb* **Yerma,** *kiteb ukoll it-traġi-kummiedja* **Dona Rosita la soltera** *(Dona Rosita ix-xebba).*

*Hu kien assassinat mis-suldati ta' Franco fil-gwerra ċivili Spanjola f'Awwissu ta' l-1936 fl-eta` ta' tmienja w tletin sena.*

*Ix-xogħlijiet tiegħu jittrattaw it-temi tad-destin u l-mewt fil-ħajja tal-kampanjoli u ż-żingari. Għalkemm ix-xogħlijiet drammatiċi tiegħu huma ftit, xorta waħda jitqies bħala wieħed mill-aktar drammaturgi mportanti tat-teatru modern.*

## YERMA

**Jieħdu sehem** *(kif jidhru)*

| | |
|---|---|
| *Yerma* | **Clare Agius** |
| *Mara, Ħassiela* | **Elaine Aquilina** |
| *Tfalja, Ħassiela* | **Eleonor Bondin** |
| *Xiħa, Ħassiela, Maskra* | **Joanne Bugeja** |
| *Tfajla, Mara* | **Desiree` D'Amato** |
| *Xiħa, Ħassiela, Maskra* | **Joyce Grech** |
| *Xiħa, Ħassiela* | **Karen Magro** |
| *Dolores, Ħassiela* | **Karen R Montalto** |
| *Juan* | **Karmenu Serracino** |
| *Victor* | **Kevin Spiteri** |

### Studenti ta' l-ewwel sena

| | |
|---|---|
| *Ħut Juan* | **Isabelle Scicluna**<br>**Claire Gauci** |
| *Irġiel* | **Justin Camilleri**<br>**Joseph Grixti** |
| *Nisa ma' Yerma* | **Maria Attard**<br>**Marion Agius**<br>**Daniela Ciantar**<br>**Doreen Aquilina** |

### Oħrajn

| | |
|---|---|
| *Żeffiena* | **Iona Schembri** |
| *Tifel* | **Marta Vella** |

### Wara l-kwinti

| | |
|---|---|
| *Direttur tal-palk* | **Manuel Mifsud** |
| *Megħjun minn* | **Christine Galea Degiovanni**<br>**Stephanie Farrugia**<br>**Miriam Ellul** |
| *Disinn tas-sett* | **Ray Ebejer** |
| *Bini tas-sett* | **Ray Ebejer**<br>**John Desira**<br>**Julian Agius** |
| *Irtokk* | **Ray Mamo** |
| *Disinn tal-kostumi* | **Mario Azzopardi** |
| *Ħjata* | **Doreen Gauci**<br>**Carmen Cutajar** |
| *Poster* | **Karmenu Serracino**<br>**MPS** |
| *Pubblicita`* | **Carmel S Aquilina** |
| *Programm* | **Alfred Mallia** |
| *Ko-ordinazzjoni* | **Josette Ciappara**<br>**Alfred Mallia** |
| *Ħajr* | **School of Tailoring** |

### Għat-Teatru Manoel

| | |
|---|---|
| *Dwal* | **Vanni Laus** |
| *Sound* | **John Bruno** |
| *Mastrudaxxi tal-palk* | **Emmanuel Dalli**<br>**Francis Mifsud** |
| *Booking* | **Marthese Mifsud**<br>**Dorothy Camilleri** |

*Ikun hemm żewġ intervalli ta' ħmistax-il minuta*



**CLAIRE AGIUS** t'ghoxrin sena tahdem bhala Customer Care Clerk. Qabel ma dahlet mad-DUTP hadmet fi produzzjonijiet ta' l-iskola Junior Lyceum Santa Tereża. Kemm damet fl-iskola hadet sehem f'*Us and Them, The Women of Troy, Is-Sultan Kburi* (Teatru fl-Edukazzjoni), *The Life and Death of Almost Everybody* u *Nar tas-Silġ*. Ipparteċipat ukoll f'European Youth Theatre Encounter li sar f'Ankara.



**ELAINE AQUILINA** ta' dsatax-il sena hija studenta tat-tieni sena fil-kors tal-Psikoloġija fl-Università. Hija bdiet tiehu sehem fi produzzjonijiet ta' l-iskola Maria Regina Junior Lyceum u mal-MASK. Kemm damet fl-iskola tad-drama hadet sehem f'*Harpagon, Us and Them, The Women of Troy, Is-Sultan Kburi* (Teatru fl-Edukazzjoni), *Romeo and Juliet, The Life and Death of Almost Everybody* u *Minn Wara l-Ħadid.*



**ELEONOR BONDIN** ta' tnejn u ghoxrin sena tahdem bhala skrivana f'aġenzija ta' l-assigurazzjoni. Kemm damet fl-iskola tad-drama hadmet f'*The Women of Troy, Programm ta' commedia dell'arte, Is-Sultan Kburi* (Teatru fl-Edukazzjoni), *A Midsummer Night's Dream, The Life and Death of Almost Everybody* u *Mikiel tal-Mikrofonu.*



**JOANNE BUGEJA** ta' wiehed u ghoxrin sena tahdem bhala segretarja. Qabel dahlet fl-iskola tad-drama hadmet fi produzzjonijiet ta' l-iskola Maria Regina Junior Lyceum. Kemm damet tattendi d-DUTP hadmet f'*The Women of Troy, Programm ta' commedia dell'arte, The Life and Death of Almost Everybody* u *Mikiel tal-Mikrofonu.*



**DESIREE D'AMATO** ta' dsatax-il sena tahdem bhala segretarja. Kemm damet fl-iskola tad-drama hadet sehem f'*Holiday Cottage, The Women of Troy, Programm ta' commedia dell'arte, Is-Sultan Kburi* (Teatru fl-Edukazzjoni), *Twelfth Night, The Life and Death of Almost Everybody, Mikiel tal-Mikrofonu* u *Nar tas-Silġ.*



**CHRISTINE GALEA DEGIOVANNI** ta' dsatax-il sena tahdem bhala Accounts Clerk. Fl-iskola tad-drama hija segwiet kors ta' stage management. Fl-iskola kienet involuta wara l-kwinti fi *Christmas Concert, Programm ta' commedia dell'arte, The Family Dance, Mikiel tal-Mikrofonu, Minn Wara l-Hadid* u *Nar tas-Silġ.*



**JOYCE GRECH** bdiet tattendi l-iskola tad-drama f'Ghawdex qabel ma dahlet l-Università fejn kisbet BA fit-Theatre and Communications. Bhalissa qieghda taghmel kors ta' PGCE. Hija ppparteċipat f'Youth Theatre Encounters li saru f'Lingen, il-Ġermanja u Ankara, it-Turkija. Fl-iskola tad-drama hadet sehem f'*The Women of Troy, Is-Sultan Kburi* (Teatru fl-Edukazzjoni), *The Taming of the Shrew, The Life and Death of Almost Everybody, Nar tas-Silġ* u *Mikiel tal-Mikrofonu.*



**KAREN MAGRO** ta' wiehed u tletin sena bdiet il-kors tad-drama fl-1992. Kemm damet fl-iskola hadet sehem f'*The Women of Troy, Programm ta' commedia dell'arte, Is-Sultan Kburi* (Teatru fl-Edukazzjoni), *The Taming of the Shrew, The Tempest, The Life and Death of Almost Everybody* u *Nar tas-Silġ*. Hadet sehem ukoll f'Youth Theatre Encounter f'Ankara.



**KAREN R. MONTALTO** ta' tnejn u ghoxrin sena tahdem f'bank. Mad-DUTP hija hadet sehem f'*The Women of Troy, Programm ta' commedia dell'arte, Is-Sultan Kburi* (Teatru fl-Edukazzjoni), *A Midsummer Night's Dream, The Life and Death of Almost Everybody* u *Nar tas-Silġ*. Barra mill-iskola hadet sehem f'*Forza Venite Gente*. Ipparteċipat ukoll fl-Ankara Youth Theatre Encounter.



**KARMENU SERRACINO** ta' hamsa u ghoxrin sena huwa ghalliem ta' l-arti fi skola sekondarja statali. Huwa kiseb BA mill-Università fil-Grieg Klassiku u l-Latin. Kemm dam fl-iskola tad-drama ha sehem f'*The Women of Troy, Is-Sultan Kburi* (Teatru fl-Edukazzjoni), *Aspects of Love in Shakespeare, The Life and Death of Almost Everybody, Minn Wara l-Ħadid* u *Nar tas-Silġ*. Huwa studja l-kant fl-Iskola tal-Mużika Johann Strauss.



**KEVIN SPITERI** ta' wiehed u ghoxrin sena jahdem bhala shipping clerk. Huwa beda jiehu sehem fi produzzjonijiet ta' l-iskola kemm Primarja kif ukoll Sekondarja. Kemm dam fl-iskola tad-drama ha sehem f'*The Women of Troy, Programm ta' commedia dell'arte, Is-Sultan Kburi* (Teatru fl-Edukazzjoni), *The Life and Death of Almost Everybody, Minn Wara l-Hadid* u *Mikiel tal-Mikrofonu.*

## DRAMA UNIT THEATRE PROGRAMME

*Id-Drama Unit Theatre Programme (DUTP) huwa miftuħ għal studenti li jixtiequ jitħarrġu fis-sengħa tar-reċtar.*

*Hemm tliet korsijiet - dak taż-żgħar, intermedjarju u għall-kbar.*

*Il-Kors għaż-żgħar huwa għal stuidenti bejn il-ħdax u l-erbatax-il sena u jkollhom lezzjoni darba fil-ġimgħa bejn l-4.30 u l-5.30 jew bejn il-5.30 u s-6.30 ta' fil-għaxija. Dan il-kors jinkludi moviment u improvizazzjoni.*

*Il-Kors intermedjarju huwa għal studenti ta' bejn ħmistax u sbatax-il sena u jkun hemm żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa mill-5.30 sa s-7.30 ta' fil-għaxija. Il-Kors jinkludi Reċtar, Improvizazzjoni u Moviment.*

*Il-Kors għall-kbar, li jdum tliet snin, hu miftuħ għal studenti 'l fuq minn tmintax-il sena. Dawn ikollhom erba' lezzjonijiet fil-ġimgħa bejn is-6.00 u t-8.00 ta' fil-għaxija. Il-Kors jinkludi Moviment, Improvizazzjoni, Teknika tar-Reċtar, Irtokk, Storja tat-Teatru u Stage Management.*

*Iktar informazzjoni tinkiseb minn:*


**Il-Kap ta' l-Iskola**
**Drama Unit Theatre Programme**
**Maria Regina Girls' Junior Lyceum**
**Blata l-Bajda**
**Tel: 220665**


## DRAMA UNIT THEATRE PROGRAMME

### Għalliema
### Sena skolastika 1995 - 1996

*Kap ta l-iskola* *Alfred Mallia*
*Asst Kap ta' l-iskola* *Josette Ciappara*

*Carmel S Aquilina*
*Anthony Bezzina*
*Manuel Cauchi*
*Josie Coppini*
*Daniela Degiorgio*
*Ray Ebejer*
*Stephanie Farrugia*
*Frances Fenech*
*Stephen Florian*
*Juan Formosa*
*Ray Mamo*
*Ray Mangion*
*Daniel Mercieca*
*Manuel Mifsud*
*Paul Portelli*
*Dominic Said*
*John Suda*
*Michael Tabone*